TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 276/11

**Carlos Borg**

**vs**

**Total Mobile**

Illum 18 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-9 ta' Ġunju, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħames mija u erbgħin ewro (€540), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* stante li l-batterija ma kinitx isservi.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *mobile phone* mingħand is-soċjeta' intimata għal prezz ta' ħames mija u erbgħin ewro (€540), u dan beda bil-problemi u minkejja li biddel il-*mobile phone*, xorta baqa' bil-problemi, u meta reġa' mar biex ibiddel il-*mobile phone*, s-soċjeta' intimata m'aċċettatx.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi kien bl-użu eżaġerat li l-*battery* kienet taqa', u kif ukoll li l-*battery* kienet tajba u dan wara li pruvah.

It-Tribunal ordna sabiex il-*mobile phone* jitħalla għand it-Tribunal sabiex isir użu minnu biex jara jekk il-*battery* kinitx qiegħda taqa'.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, jikkonkludi li wara li għamel żmien bil-*mobile phone* għand it-Tribunal, il-*mobile phone* baqa' jaħdem normali u li l-*battery* ma waqgħetx.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**